

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/455****tal-20 ta' Marzu 2019****li jagħmel l-importazzjonijiet ta' taħlitiet ta' urea u nitrati tal-ammonju li joriġinaw mir-Russja, it-Trinidad u t-Tobago u l-Istati Uniti tal-Amerka soġġetti għar-reġistrazzjoni**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup> kif emendat l-aħħar mir-Regolament (UE) 2018/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 <sup>(2)</sup> ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5a) tiegħu,

Wara li infurmat lill-Istati Membri,

Billi:

- (1) Fit-13 ta' Awwissu 2018, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħabbret, permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* <sup>(3)</sup> ("in-notifika ta' bidu"), il-bidu ta' proċediment antidumping fir-rigward ta' importazzjonijiet fl-Unjoni ta' taħlitiet ta' urea u nitrati tal-ammonju li joriġinaw mir-Russja, it-Trinidad u Tobago u l-Istati Uniti tal-Amerka wara lment imressaq fid-29 ta' Ġunju 2018 minn Fertilizers Europe ("l-ilmentatur") f'isem produttori li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' soluzzjonijiet ta' urea u nitrati tal-ammonju.

**1. PRODOTT SOĖĖETT GħAL REĖISTRAZZJONI**

- (2) Il-prodott suĖĖett għar-reĖistrazzjoni ("il-prodott ikkonċernat") huwa taħlita ta' urea u nitrat tal-ammonju f'soluzzjoni tal-ilma jew ammonjakali ("UAN", li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM 3102 80 00).

**2. RAĖUNIJIET GħAR-REĖISTRAZZJONI**

- (3) Skont l-Artikolu 14 (5a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għandha tagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet doganali biex jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet matul il-perjodu ta' żvelar minn qabel skont l-Artikolu 19a, sabiex il-miżuri jkunu jistgħu jiġu sussegwentement applikati fuq dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' tali reĖistrazzjoni, sakemm ma jkollhix evidenza biżżejjed li r-rekwiżiti skont l-Artikolu 10(4)(c) jew l-Artikolu 10(4)(d) ma jkunux issodisfati.
- (4) Il-Kummissjoni vverifikat jekk l-importaturi kinux konxji ta', jew jekk kellhomx ikunu konxji, tad-dumping fir-rigward tal-livell tad-dumping u d-dannu allegat jew misjub. Hija analizzat ukoll jekk kienx hemm żieda oħra sostanzjali fl-importazzjonijiet li, fid-dawl ta' meta seħħet u l-volum u ċirkostanzi oħra, x'aktarx imminat serjament l-effett ta' rimedju tad-dazju antidumping definittiv li għandu jiġi applikat.
- (5) Il-Kummissjoni għalhekk eżaminat l-evidenza li għandha għad-dispożizzjoni tagħha fid-dawl tal-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku. Għal din l-analiżi, il-Kummissjoni serrħet fuq id-dejta statistika tal-importazzjonijiet taħt il-kodiċi NM 3102 80 00 għad-dispożizzjoni tagħha.
- (6) Fit-30 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni stiednet ukoll lill-partijiet interessati biex jikkumentaw dwar is-sejbiet preliminari tagħha fir-rigward tax-xejriet tal-importazzjoni wara l-bidu tal-investigazzjoni u dawn il-kummenti ġew inklużi wkoll fl-analiżi tagħha.

**2.1. Il-konozzenza tal-importaturi tad-dumping, il-livell tiegħu u d-dannu allegat**

- (7) Il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-Russja, mit-Trinidad u t-Tobago u mill-Istati Uniti tal-Amerka huma l-oġġett ta' dumping.

<sup>(1)</sup> ĠUL 176, 30.6.2016, p. 21.

<sup>(2)</sup> ĠUL 143, 7.6.2018, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU C 284, 13.8.2018, p. 9.

- (8) In-notifika ta' bidu għal din il-proċedura ppubblikata fit-13 ta' Awwissu 2018 enfasizzat li l-marġini ta' dumping ikkalkulat huma sinifikanti għall-pajjiżi kollha. B'mod ġenerali, u meta jitqies l-estent tal-marġnijiet ta' dumping allegati li jvarjaw minn 43 % sa 83 %, l-evidenza fl-ilment tipprovdi biżżejjed appoġġ f'dan l-istadju li l-produtturi esportaturi jipprattikaw id-dumping.
- (9) L-ilment ipprova wkoll biżżejjed evidenza ta' dannu allegat lill-industrija tal-Unjoni, inkluż tnaqqis fis-sehem mis-suq u żvilupp negattiv ta' indikaturi ewlenin oħra tal-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.
- (10) Permezz tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, in-notifika ta' bidu hija dokument pubbliku aċċessibbli għall-importaturi kollha. Barra minn hekk, bħala partijiet interessati fl-investigazzjoni, l-importaturi għandhom aċċess għall-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment u l-fajl mhux kunfidenzjali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni qieset li, fuq din il-bażi, l-importaturi kienu konxji, jew kellhom ikunu konxji, tal-prattiki allegati ta' dumping, il-portata tagħhom u d-dannu allegat.
- (11) Bosta produtturi esportaturi argumentaw li l-Artikolu 10(4)(c) ma ntlaħaqx peress li ma kienx hemm storja ta' dumping. Madankollu, l-Artikolu 10(4)(c) jistipula li jew kien hemm storja ta' dumping jew li kien hemm għarfien dwar il-firxa ta' dumping u l-ħsara allegata. Kif spjegat fil-premessi minn (7) sa (10), fuq il-bażi tan-notifika ta' bidu u l-informazzjoni li tinsab fl-ilment, il-Kummissjoni qieset li l-importaturi kienu konxji, jew misshom kienu konxji, dwar il-prattiki allegati ta' dumping, il-kobor tagħhom u d-dannu allegat.
- (12) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma hemm l-ebda evidenza li r-rekwiżit tal-Artikolu 10(4)(c) tar-Regolament bażiku ma ntlaħaqx.

## 2.2. Żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet

- (13) Fuq il-bażi tad-*data* statistika miġbura fil-qosor fit-tabella 1 hawn taħt, il-Kummissjoni sabet li l-volum tal-importazzjonijiet tal-UAN mill-pajjiżi kkonċernati lejn l-Unjoni żdied bi 23 % matul il-perjodu bejn Settembru 2018 u Diċembru 2018, jiġifieri wara l-bidu tal-każ, meta mqabbel mal-perjodu bejn Settembru 2017 u Diċembru 2017, jiġifieri l-istess perjodu tas-sena ta' qabel u parti mill-perjodu tal-investigazzjoni (perjodu mill-1 ta' Lulju 2017 sat-30 ta' Ġunju 2018). Barra minn hekk, il-volum medju ta' importazzjonijiet fix-xahar mill-pajjiżi kkonċernati lejn l-Unjoni fil-perjodu bejn Settembru 2018 sa Diċembru 2018 kien 34 % oġhla mill-volum medju ta' importazzjonijiet fix-xahar lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, fid-dawl ta' din iż-żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma hemm l-ebda evidenza li dan ir-rekwiżit ma ġiex issodisfat.

Tabella 1

### Volumi tal-importazzjoni (TM)

Oriġni	Settembru 2017 — Diċembru 2017	Settembru 2018 — Diċembru 2018	Δ	Perjodu medju ta' investigazzjoni ta' kull xahar	Medja Settembru 2018 — Diċembru 2018	Δ
Ir-Russja	226 319	270 449	+ 19,5 %	51 491	67 612	+ 31,3 %
It-Trinidad u Tobago	150 497	167 852	+ 11,5 %	30 681	41 963	+ 36,8 %
L-Istati Uniti tal- Amerka	200 757	333 393	+ 66,1 %	61 848	83 348	+ 34,8 %
It-tlieta f'daqqa	577 573	771 694	+ 33,6 %	144 020	192 924	+ 34,0 %

Sors: Il-Eurostat.

## 2.3. L-imminar tal-effett ta' rimedju tad-dazju

- (14) Kif ġie konkluż fit-taqsimha 2.2, kien hemm żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-bidu tal-investigazzjoni attwali. Dawk il-volumi jirrappreżentaw aktar minn 48 000 tunnellata metrika addizzjonali kull xahar meta mqabbla mal-volumi importati mill-pajjiżi kkonċernati matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Din iż-żieda waħedha tirrappreżenta 10 % tal-konsum tal-Unjoni fl-2017.

- (15) Skont l-istatistika tal-importazzjoni miġbura fil-qosor fit-tabella 2 hawn taħt, il-prezz medju feuro għal kull tunnellata metrika ta' importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati lejn l-Unjoni matul il-perjodu minn Settembru 2018 sa Diċembru 2018 kien 19,5 % ogħla mill-prezz medju ta' importazzjoni minn dawn il-pajjiżi osservat matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Żieda qawwija fil-prezzijiet tal-importazzjoni tista' tiġi osservata għall-importazzjonijiet minn kull wieħed mill-pajjiżi soġġetti għall-investigazzjoni.

Tabella 2

**Prezzijiet tal-importazzjoni (medja, EUR/TM)**

Orġini	Settembru 2017 — Diċembru 2017	Settembru 2018 — Diċembru 2018	Δ	Perjodu medju ta' investigazzjoni ta' kull xahar	Medja Settembru 2018 — Diċembru 2018	Δ
Ir-Russja	129,1	160,1	+ 24,0 %	125,9	160,1	+ 27,2 %
It-Trinidad u Tobago	136,0	175,4	+ 28,9 %	139,8	175,4	+ 25,4 %
L-Istati Uniti tal- Amerka	118,0	136,6	+ 15,7 %	124,5	136,6	+ 9,7 %
It-tlieta f'daqqa	127,1	153,3	+ 20,6 %	128,3	153,3	+ 19,5 %

Sors: Il-Eurostat.

- (16) Għadd ta' produttori esportaturi u importaturi sostnew li ż-żieda sinifikanti fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kienet tinvolvi li dawn l-importazzjonijiet ma jikkawżawx effetti negattivi fuq il-prezzijiet fis-suq. Dawn il-produtturi esportaturi semmew ukoll li ma kienx hemm kumulazzjoni ta' ħażna mill-bidu. Għalhekk, ġie argumentat, li l-effett ta' rimedju tad-dazju antidumping definittiv, jekk jiġi applikat, ma jkunx ipperikolat b'mod serju.
- (17) L-ilmentatur, madankollu, ippreżenta biżżejjed evidenza li turi li ż-żieda fil-prezz kienet modesta meta mqabbla maż-żieda fl-ispejjeż (b'mod partikolari l-gass matul is-sajf u l-ħarifa tal-2018). Barra minn hekk, anki jekk ma hemm l-ebda evidenza konklużiva dwar il-ħażna mill-bidu, l-ilmentatur ipprova aktar evidenza li ż-żieda qawwija fil-volumi tal-importazzjonijiet mindu bdiet l-investigazzjoni kompliet taggrava s-sitwazzjoni dannuża tal-produtturi tal-Unjoni (inkluż żieda fit-telf wara l-perjodu ta' investigazzjoni).
- (18) Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-evidenza fil-fajl ma tippermettix il-konklużjoni li dan ir-rekwiżit ma ntlaħaqx.

**2.4. Konklużjoni**

- (19) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni sabet li ma hemm l-ebda evidenza konklużiva li turi li r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' żvelar minn qabel mhijiex mistħoqqa f'dan il-każ. Sa mill-pubblikazzjoni tan-notifika ta' bidu, meta l-produtturi esportaturi kienu konxji jew kellhom ikunu konxji bid-dumping u l-ħsara allegata, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat komplew jiżdiedu b'mod li jista' jimmina b'mod serju l-effett rimedjali tad-dazji antidumping matul il-perjodu ta' qabel l-iżvelar ukoll.
- (20) Is-sejbiet jibqgħu l-istess anki fuq il-bażi tal-aħħar data statistika disponibbli għall-Kummissjoni.
- (21) Għalhekk, skont l-Artikolu 14(5a) tar-Regolament antidumping bażiku, il-Kummissjoni għandha tirreġistra l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' żvelar minn qabel.

**3. REĠISTRAZZJONI**

- (22) Skont l-Artikolu 14(5a) tar-Regolament bażiku antidumping, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat għandhom ikunu soġġetti għal reġistrazzjoni matul il-perjodu ta' żvelar minn qabel skont l-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, sakemm ma jkunx hemm biżżejjed evidenza li r-rekwiżiti tal-Artikolu 10(4)(c) u (d) ma jkunx issodisfati.

- (23) Kull responsabbiltà għall-gejjeni tiġi mis-sejbiet definittivi ta' din l-investigazzjoni antidumping.
- (24) L-allegazzjonijiet fl-ilment li jitlob il-bidu tal-investigazzjoni jistmaw il-marġnijiet tad-dumping minn 43 % sa 83 % u livell medju ta' eliminazzjoni tal-ħsara sa 13 % għall-prodott ikkonċernat. L-ammont ta' responsabbiltà possibbli fil-futur huwa stmat fuq dawk il-livelli abbażi tal-ilment, jiġifieri minn 13 % sa 83 % bħala proporzjon tal-valur ta' importazzjoni CIF tal-prodott ikkonċernat.

#### 4. IPPROĊESSAR TA' DATA PERSONALI

- (25) Kull dejta personali miġbura fil-kuntest ta' din ir-reġistrazzjoni se tiġi trattata skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

##### *Artikolu 1*

1. L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati, skont l-Artikolu 14 (5a) tar-Regolament (UE) 2016/1036, biex jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' taħlitiet ta' urea u nitrat tal-ammonju f'soluzzjoni tal-ilma jew ammonjakali, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3102 80 00, u li joriġinaw mir-Russja, it-Trinidad u t-Tobago u l-Istati Uniti tal-Amerka.
2. Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi tliet ġimgħat wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

##### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Marzu 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

(\*) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠUL 295, 21.11.2018, p. 39).